**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. KEVAN AZZOPARDI B.A., LL.D.**

**Seduta ta' l-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol**

**IL-PULIZIJA**
**vs**
**Almaloul Mustafa**

**Illum, 12 ta' Marzu 2024**

**Il-Qorti:**

Rat li Almaloul Mustafa ta' 26 sena, b'ġenituri mhux mgħarufa, imwieled Syria nhar il-25 ta' Lulju 1996, residenti Triton Mans, Blk D, Flat 14, Triq it-Tamar, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 135737A:

1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċità tiegħek personali u/jew bħala persuna li tħaddem fis-sit sitwat f'11, Samrose, Triq Erbgħa Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, nhar it-28 ta' April 2021 matul il-ġurnata u/jew fix-xhur ta' qabel inqast milli tħares is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi nqast milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt

fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta’ artikoli 6(1)(2) ta’ Att 27/2000 Kap 424.

2. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast li tara li x-xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħu miżuri xierqa u suffiċjenti biex tipprevjeni waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Nqast li tara li xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma użati dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Nqast li tara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigori, turġien, xaftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa’ distanza li tista' tikkawża ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskji mill-għarqa jew korriment serju. Inqast li tara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta’ A.L. 88/2018.

3. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tiżgura li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tiżgura li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Nqast ukoll li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta’ użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-

tagħmir protettiv personali u tiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġene għal utenti differenti. Nqast li tiżgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u tiżgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Nqast milli tara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali tavżawħ dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Nqast wkoll li tiżgura li jiġi kkonsultat ir-Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21)

4. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tat-28 ta' April 2021, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' Att XXVII/2000.

Semgħat ix-xhieda;

Rat l-atti proċesswali, minn fejn jirriżulta li waqt is-seduta tal-15 ta' Settembru 2023 l-kawża ġiet differita għall-provi tad-difiża b'dan illi 'l-prosekuzzjoni kienet għalqet il-provi tagħha. Rat ukoll illi waqt is-seduta tas-26 ta' Ottubru 2023 id-difiża ddikjarat li għalqet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni orali finali tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

**A. Fatti tal-każ**

Illi in sostenn tal-akkużi miġjuba kontra l-imputat, il-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti xhieda u provi:

1. **Mira Borg** xehdet bħala uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol li fit-28 ta' April 2021 daħlet telefonata anonima l-awtorità fejn kien ġie rrappurtat li kien qiegħed isir xi xogħol perikoluż ta' tikħil u tibjid fuq binja li tinsab 11, Samrose Tria l-Erbgħa Mwieżeb, San Pawl il-Baħar. Meta waslet f'din il-post tax-xogħol sabet blokka ta' appartamenti mibnija fuq seba' sulari u penthouse fi stat avvanzat ta' xogħlijiet. Infatti kien fadal biss tikħil u tibjid. Hija ppreżentat sett ta' rittratti li hija ħadet malli waslet.

   Imbagħad ix-xhud tkellmet mal-klijent li kien qabbad lill-xi ħadd biex jagħmillu xogħlijiet fuq din il-binja, ċertu Martin Grima, li għandu numru tal-karta ta' l-identità 795257M u ma żewġ ħaddiema barranin, wieħed Al Bahamu Khaled li għandu numru tal-karta ta' l-identità 82210A u ħaddiem ieħor li ma kellux karta ta' l-identità u li identifika ruħu bħala Xhadi Mughaxi. Ix-xhud kienet ħadet ritratt tal-karta tal-identita ta' Al Bahamu Khaled.

   Hija waqqfet ix-xogħol u tat-kopja ta' stop order lil Martin Grima, u ppreżentat kopja tal-istess stop order. Dak il-ħin Martin Grima qalilha li hu kien qabbad kuntrattur biex jagħmillu xi xogħlijiet, li kien l-imputat, Almaloul Mustafa detentur tal-karta tal-identità bin-numru 135737A. Dan ikkonfermaħ ukoll wieħed mil-ħaddiema, Al Bahamu Khaled li għandu numru tal-karta ta' l-identità 82210A, li kien fuq is-sit. Hija ċemplet lill imputat fuq numru tal-mobajl li kien għaddiela Martin Grima, u dan ġie fuq is-sit, fis-siegħa u nofs, is-sagħtejn neqsin kwart. Hija tatu id-dritt tal-avukat u kif ukol id-dritt tas-silenzju, u l-imputat iffirma dokument f'dan is-sens, u għamlitlu xi mistoqsijiet

rigward il-ħaddiema li kienu mdendlin fuq il-pont, u jekk hu kienx il-kuntrattur responsabbli għax-xogħlijiet li kienu qed isiru dak il-ħin. L-imputat ikkonferma li x-xogħol u ż-żewġ ħaddiema kienu tiegħu.

Ix-xhud saqsiejtu wkoll jekk kienx sar risk assesment rigward ix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fuq il-pont, u jekk il-project supervisor ta' dan is-sit kienx għamel risk assessment ta' dawn ix-xogħlijiet. L-imputat irrisponda fin-negattiv, u qal li ma kienx jaf li kellu jsir risk assessment.

Ix-xhud ikkorrispondiet mal- project supervisor Roderick Cassar ta' dan is-sit u saqsietu jekk hu kienx infurmat li kien se jsir xogħol ta' tikħil u ta' tibjid, u dan qalilha li qatt ma' kien irċieva dokumentazzjoni mil-klijent rigward xogħol ta' tikħil fuq suspended platform.

Hija ppreżentat kopja ta' email f'dan is-sens. Hija għamlet referenza għar-rittratti numru ħamsa u sitta, fejn jidher ċar li l-ħbula li kienu qed iżommu l-fallakka fejn il-persuna kienet imdendla, huma marbuta ma l-ixkejjer tal-istess materjal li kien qed jintuża għat-tikħil ta' l-istess blokka. Il- harness li suppost il-ħaddiem kien liebes kellha l- lifeline marbuta ma l-istess xkejjer tat-tikħil.

Hija żiedet li wara li hija waqqfet ix-xogħlijiet hija ma rċeviet l-ebda informazzjoni dwar remedial works jew risk assessment biex ix-xogħol ikun jista jitkompla. Hija għamlet follow up inspection fil-25 ta' Mejju fejn innotat li ix-xogħol kien tkompla mingħajr ir-revoka tal-Awtorita' tal-istop order. Hija ħadet rittratt li juri li x-xogħol kien tkompla.

Waqt il-kontroeżami hija kkonfermat li l-ħaddiema kellmithom u rrispondew bil-Malti, u dawn identifikaw lill-imputat mhux minn fuq ritratt imma meta ġie fuq is-sit.

B'referenza għal-ritratt Dok IB.1. tikkonferma li l-ħaddiem kien liebes harness, biss hi tgħid li l-inkwiet kien rigward il-post ma fejn kien marbut il-lifeline ta' dak l-istess harness, li suppost irrid ikun independent weight.

Rigward ritratt numru ħamsa u sitta hi tgħid li ma kienx xogħolha tiċċekkja jekk kienx hemm strutturi taħt l-ixkejjer li jżommu l-ħabel. Tispeċifika li fir-risk assessment jrid jiġi identifikat dawk l-ixkejjer x'jifilħu.

Fuq mistoqsija dwar il-fatt li kien hemm ħabel ieħor hi tgħid li fir-ritratt numru wieħed hemm tlett fallakki mdendlin u kif ukoll erba' ħbula mdendlin. B'referenza għal- ritratt ħamsa u sitta, jekk wieħed jitla fuq il-bejt fuq l-opramorta tal-penthouse hemm dawn l-ixkejjer fejn qed jorbtu dawn il-fallakki. Imbagħad meta murija r-ritratti tikkoreġi ruħha u tispeċifika li fil-fatt ritratt numru erbgħa u ritratt numru ħamsa m'humiex l-istess ritratt. Iżżid li dawn kienu qed jaħdmu fi tlett postijiet differenti. It-tlett fallakki li kienu sospizi qegħdin marbutin fir-ritratt numru erba' naħa, u fir-ritratt numru ħamsa u sitta, li huma l-istess ritratt, n'naħa l-oħra. Peres li l-appoġġ kien twil ħafna, kien hemm tlett fallakki li qed iżommu naħa u naħa l-oħra. Hija tgħid li l-ħabel li aktar tard immarkat bil-biro ħamra ma jidhirx fir-ritratt numru ħamsa, u hi ma setgħetx taraħ fuq il-bejt għax qiegħed fis-sular ta' taħt. Fir-ritratt numru wieħed hemm il-ħbula li qed iżżommu il-fallakka. It-tlett ħbula l-oħra li jidhru fir-raba, ħames u sitt ritratt huma close up u x'xhud ma kinitx ċerta which is which.

2. **Louis Buhagiar** xehed bħala rappreżentant tal-Jobs Plus u ppreżenta żewġ dokumenti konsistenti fl-employment history tal-imputat, u lista ta' persuni li l-imputat ħaddem mit-28 ta' April 2021.

3. **Martin Grima** xehed u ikkonferma li huwa għandu bini bl-isem Greenview fi Triq Imwieżeb, San Pawl il-Baħar. Ġie muri ritratt numru wieħed fejn huwa għaraf li dik kienet il-binja tiegħu, li kellu

bżonn xi xogħol ta' tikħil, u qabbad lill-imputat li huwa identifika fl-awla.

Illi d-difiża tressaq lill-imputat in sostenn tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

1. **Mustafa Almaloul** dwar ix-xogħol fi Triq Imwieżeb, San Pawl il-Baħar xehed li huwa kien jiksi fuq il-pont, u dwar safety żied jgħid li tad-Dipartiment qalu li l-ħabel kien marbut ma erba xkejjer cement, u ma jistax ikun li nies jaħdmu b'ħabel wieħed għax imbagħad jaqgħu u jweġġew. Jgħid li d-Dipartiment ma ċċekjax taħt l-ixkejjer. Huma dejjem jagħmlu l-clips tal-ħadid. Mistoqsi dwar ir-rabta mal-clips tal-ħadid jgħid li dawn il-clips ikunu marbutin bil-viti mas-saqaf, u l-ixkejjer jitpoġġew fuq kollox. Huwa qal li dan hu skont il-proċedura, u huma jimxi dejjem skont ir-regolamenti. Dwar il-ħaddiem fuq il-pont jgħid li dan ikun marbut permezz ta' safety harness marbut minn fuq jew ma xi bricks jew ma xi ħaġa li tkun b'saħħitha.

   Waqt il-kontroeżami meta mistoqsi jekk hux qed jgħid li kien hemm iktar minn erba' jew ħames xkejjer li magħhom kien marbut il-ħabel, jgħid li hu mhux hekk qed jgħid imma li l-ħabel kien marbut sewwa bil-clips u bil-viti taħt l-ixkejjer. Mistoqsi jekk jidhrux fir-ritratti numri erbgħa u ħamsa, jgħid li l-clips qegħdin taħt l-ixkejjer. Hu jinsisti li huma jimxu mar-regolamenti u jiddeskrivi dawn ir-regolamenti bħala li ma tistgħux tuża l-ħabel jekk ikun hemm tower crane. Jgħid li l-għażla l-oħra hi li ġġib il-crane il-kbir. Huwa jgħid li ma setgħax iġib tower crane kbir peress li din kienet għalqa u ma jistgħax jidħol u dan lanqas kien ilaħħaq il-ħajt kollu. Għaldaqstant kellhom jaħdmu bil-ħabel. Dan irid ikun ħabel sod, ikun marbut sew, imbagħad min ikun se jinżel jaħdem fuq il-pont irid ikun liebes il-ħarness. Huwa jgħid li l-ħabel fil-fatt kien marbut bil-clips iż-żgħar, u ħabel iniżżel kemm ikollu bżonn biss, allura iż-żejjed jibqa fuq. L-ixkejjer jitfaħħhom fuq il-clips 'just in case'. Il-ħabel idawwru mal-ixkejjer biex ma jħalliħx jiġri mas-saqajn. Huwa jerġa jirrepeti u jsostni li żgur li bit-tavluni u n-nies fuqhom, erba' xkejjer jew sitta

mhux se jżommu u dawk in-nies kienu se jaqaw u jweġġgħu. Għalhekk jgħid li l-ħabel kien b'saħħtu.

Fuq mistoqsija tal-Qorti jgħid li hemm madwar għoxrin xkora li jiżnu ħamsa u għoxrin kilo kull waħda u dan ikun biżżejjed bħala piż biex iżommu t-tavla bi tnejn minn-nies fuqha. Dwar il-harness hu jgħid li jagħti l-harness lill-ħaddiema u ġieli ma jilbsuħx. Dak il-ħin hu ma kienx fuq il-post u huma ċemplulu u mar fuq il-post. Meta wasal il-ħaddiema kienu fuq il-bejt u ma jafx jekk kienux libsin il-harness. Fuq mistoqsija tal-Qorti huwa jgħid li meta l-Uffiċjal tal-Awtorita tas-Saħħa u Sigurta fuq il Post tax-Xogħol Mira Borg staqsietu fuq jekk il-ħabel kienx sigur, huwa ma ħasx il-ħaġa li juriha jekk il-ħabel hux marbut taħt l-ixkejjer. Hu ma jiftakarx jekk Mira Borg staqsitux jekk il-ħabel kienx marbut jew le. Hu ma kienx jaf li se jitla l-Qorti. Ħaseb li kellhom jieqfu mix-xogħol u jirranġaw l-affarijiet. Hu jgħid u jammetti li mar kompla x-xogħol.

## B. <u>Kunsiderazzjoni dwar ħtija o meno</u>

### 1. Konsiderazzjonijiet Legali fir-rigward tal-Livell ta' Prova Rikjesta

Il-prinċipju ġenerali fil-kamp kriminali huwa dak li l-Prosekuzzjoni għandha fuq-spallita l-oneru li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi  addebitati fil-konfront tal-imputat huma veri. Dan il-prinċipju bażiku prattikat mill-Qrati tagħna fil-proċedimenti kriminali, li sabiex l-imputat jiġi ddikjarata ħati, l-akkużi  dedotti kontra tiegħu għandhom jiġu ppruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni, jista' jingħeleb biss fejn u jekk il-liġi stess tiddetta mod ieħor.

Tajjeb li wieħed iżomm f'moħħu li f'każ ta' reati li joħorġu mill-Avviż Legali 88 tal-2018 li fuqu hija msejsa it-tieni akkuża, kif ukoll rigward it-tielet akkuża li hija msejsa fuq il-Liġi Sussidjarja 424.21, l-imputat huwa mgħobbi bl-oneru tal-prova biex jiskolpa ruħu minn l-akkużi miġjuba kontrih. Dan

m'huwiex il-każ fir-rigward tal-liġi prinċipali cioé l-Kapitolu 424 innifsu. L-oneru tal prova jkun jispetta lill-prosekuzzjoni.

Fir-Regolamenti tal-2018 dwar il-Post tax-Xogħol (Bżonnijiet minimi ta' Saħħa u Sigurtà tax-Xogħol f'Siti ta' Kostruzzjoni), Avviż Legali 88 tal-2018, li abbażi tiegħu l-imputat ġie akkużat bit-tieni akkuża, speċifikament fir-Regolament 15, il-leġislatur ried ipoġġi l-oneru tal-prova fuq l-ispalla tal-akkużat:

> *"15. F'kull proċediment għal xi reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa, jew li ssir xi ħaġa sa' fejn huwa raġonevolement prattikabbli, ikun imiss lill-akkużat iġib prova, skont il-każ, li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar biex jitwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar minn dak fil-fatt użat biex jiġi mwettaq id-dmir jew ir-rekwiżit."*

Bl-istess mod ir-regolament 18 tar-Regolamenti Dwar Rekwiżiti Minimi Għall-Użu Ta' Tagħmir Protettiv Personali Fuq Ix-Xogħol (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21) jistabbilixxi fuq min jaqa' l-oneru tal-prova:

> *"18. F'kull proċediment għal reat taħt dawn ir-regolamenti li jkun dwar xi nuqqas ta' ħarsien ta' xi dmir jew rekwiżit li ssir xi ħaġa sa fejn huwa prattikabbli jew sa fejn huwa raġonevolement prattikabbli, jew li jintużaw l-aħjar mezzi prattikabbli, l-akkużat ikollu jġib prova skond il-każ li ma kienx prattikabbi jew li ma kienx raġonevolment prattikabbli li jsir iktar milli fil-fatt ikun sar għall-ħarsien tad-dmir jew tar-rekwiżit, jew li ma kienx hemm mezz prattikabbli aħjar milli fil-fatt kien intuża biex jiġi sodisfatt dmir jew rekwiżit."*

Imbagħad fejn il-prova tispetta lill-Prosekuzzjoni wieħed irid iħares lejn il-livell ta' prova mistennija fil-kamp kriminali. Huwa għaldaqstant mistenni li l-Qorti tkun konvinta li akkużi dedotti kontra l-akkużat jirriżultaw ippruvati oltre kull dubju raġonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni. Hawnhekk il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell Kriminali tas-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** u tgħid

però li mhux kull l-iċken dubju huwa biżżejjed sabiex persuna akkużata tiġi ddikjarata liberata. Hemm bżonn li *"dubju jkun dak dettat mir-raguni"*.

Fil-fatt fis-sentenza mogħtija mill-**Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Diċembru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubju. Mhux kull dubju għandu jitqies bħala dubji dettat mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-Ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis iċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni.

Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn **Lord Denning fil-każ Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372** tal-espressjoni *"proof beyond a reasonable doubt"*:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice"*.

**2. L-Akkużi**

Għal fini tal-ewwel akkuża li hija bbażata fuq il-Leġislazzjoni Primarja jiġifieri l-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti trid tapplika d-definizzjonijiet li jinsabu fl-Artikolu 2. Hemmhekk wieħed isib id-definizzjoni ta' 'ħaddiem' u 'min iħaddem' fost oħrajn:

> *" "ħaddiem" tfisser kull persuna impjegata minn min iħaddem biex tagħmel xogħol, jew li tipprovdi servizz lil persuna oħra taħt kuntratt ta' servizz jew għal servizz, u tinkludi student, apprendist*

*u persuna li timpjega lilha nnifisha, iżda ma tinkludix l-ekwipaġġ ta' bastiment reġistrat Malta jew kull persuna oħra impjegata fuqu bħala parti mill-ekwipaġġ kollu tal-bastiment"*

*" "min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem, u tinkludi kuntrattur jew subkuntrattur li jagħmel xogħol jew jagħti servizz jew jintrabat biex jagħmel xi xogħol jew jagħti xi servizzi, u*

*(a) għal dak li jirrigwarda xogħol magħmul taħt kuntratt ta' servizz, tfisser il-kuntrattur jew is-subkuntrattur, iżda ma tinkludix id-diretturi, managers, soċji jew sidien, okkupanti jew possessuri li għalihom ikun qed isir ix-xogħol, minbarra fil-każ fejn għodod, materjal jew tagħmir ikun provdut minnhom, dwar xi difetti li dan l-apparat jista' jkollu, liema difetti jkunu magħrufa u ma ġewx indikati, jew li setgħu ikunu magħrufa;*

*(b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' impieg taħt kuntratt ta'servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kullħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum;"*

Il-Qorti ikkunsidrat dak li jgħid il-paragrafu (a) ta' din id-definizzjoni li fil-każ fejn ikun tqabbad kuntrattur, is-sid ikun speċifikament eskluż mid-definizzjoni ta' min iħaddem. Din l-esklużjoni ma tapplikax fil-każ li s-sid ikun forna xi għodod, tagħmir jew materjal għal difetti magħrufa jew prevedibbli li jistaw jiżviluppaw f'tali għodod, tagħmir jew materjal.

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll dak li jgħid l-artikolu 6 tal-Kap 424:

*"6.(1) Min iħaddem għandu dejjem jiżgura is-saħħa u s-sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol li jkun qiegħed isir għal dik il-persuna li tħaddem:*

*Iżda meta fit-twettiq ta' dak hawn aktar qabel imsemmi, min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, min iħaddem ma jkunx meħlus mid-dmirijiet applikabbli*

*li joħorġu minn dan l-Att u mir-regolamenti magħmulin taħt dan l-Att."*

Skont il-proviso ċitat meta min iħaddem jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra, dan xorta waħda jibqa' responsabbli taħt l-obbligi li joħorġu mill-Kap 424 u Regolamenti magħmula taħtu.

Din il-Qorti ikkunsidrat li l-esklużjoni fil-paragrafu (a) tad-definizzjoni ta' 'min iħaddem' u l-proviso tal-artikolu 6(1) għandhom jinqraw flimkien. Fil fehma ta' din il-Qorti fejn il-proviso jagħmel referenza għal fatt li 'min iħaddem' meta jagħmel użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra ma' jkunx eżenti mir-responsabbiltà għal nuqqasijiet taħt dan l-Att, jew Regolamenti magħmula taħtu, moqri fid-dawl tad-definizzjoni ta' 'min iħaddem', ir-responsabbiltà ta' dik il-persuna li tkun qabbdet jew għamlet użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra tkun tissussisti biss fil-każ li dik il-persuna tkun forniet għodod, materjal jew tagħmir li rriżultaw difettużi, u dan id-difett kien magħruf minn dik il-persuna li tkun qabbdet jew għamlet użu minn servizzi jew persuni kompetenti minn barra u ma ġiex indikat lilhom, jew seta' jkun magħruf.

Il-persuna li tkun tqabbdet, f'dan il-każ l-imputat, b'dak li jingħad hawn fuq tibqa responsabbli f-kull eventwalita għat-tħaris tas-saħħa u sigurtà tal-ħaddiema kif ukoll ta' kull min jista jaċċedi fuq il-post tax-xogħol. Dejjem tibqa l-fakolta, u d-dmir tal-Qorti li tikkunsidra l-fatti u provi kollha tal-każ biex tiddeċiedi skont iċ-ċirkostanzi jekk jkunx hemm ħtija.

**L-Ewwel Akkuża:** *"1. Fuq talba ta' l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tiġi akkużat talli fil-kapaċità tiegħek personali u/jew bħala persuna li tħaddem fis-sit sitwat f'11, Samrose, Triq Erbgħa Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, nhar it-28 ta' April 2021 matul il-ġurnata u/jew fix-xhur ta' qabel inqast milli tħares is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol,*

*li jkun qed isir u dan billi nqast milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' artikoli 6(1)(2) ta' Att 27/2000 Kap 424."*

Illi f'din l-akkuża, l-imputat qiegħed jiġi akkużat **(i) f'ismu personali, u/jew (ii) bħala persuna li tħaddem,** fir-rigward ta' nuqqas ta' tħaris tas-saħħa u sigurtà tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir. Il-prosekuzzjoni, peress li hekk tiddetta l-liġi, tkompli billi tiddeskrivi f'hiex jikkonsisti tali nuqqas, jiġifieri n-nuqqas milli tieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol. Din l-akkuża hi msejsa fuq il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ikkunsidrat li l-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Mira Borg nhar it-28 ta' April 2021 għamlet spezzjoni ġewwa s-sit ta' kostruzzjoni f'11, Samrose, Triq Erbgħa Mwieżeb, San Pawl il-Baħar, fejn hemmhekk hija osservat żewġ persuni li kienu qed jagħmlu xogħol ta' tikħil u tibjid fuq barra permezz ta' pont. Hija kellmet lill-ħaddiema fuq il-post, fejn wieħed minnhom identifika ruħu permezz ta' dokument, filwaqt li l-ieħor ma kellux dokumentazzjoni fuqu. L-uffiċjal tgħid li kien hemm ukoll il-klijent Martin Grima li ddikjara li hu kien qabbad bħala kuntrattur lill-imputat biex jagħmel xogħol ta' tikħil u tibjid. Dan jikkonfermah bil-ġurament l-istess Martin Grima.

L-imputat kien niżel fuq il-post wara li l-Uffiċjal Mira Borg ċemplet fuq in-numru tal-mobajl li kien għaddielha Martin Grima. Dan, fuq il-post, wara li ngħata d-drittijiet tiegħu, ikkonferma li huwa kien il-kuntrattur responsabbli għax-xogħlijiet li kienu qed isiru dak il-ħin u li ż-żewġ ħaddiema kienu tiegħu. Dan imbagħad jikkonfermah l-imputat stess waqt ix-xhieda tiegħu. **Din il-Qorti għaldaqstant tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat li l-imputat kien responsabbli għax-xogħlijiet u għal ħaddiema li kienu fuq il-post tax-xogħol partikularment dawk li kienu fuq il-pont.**

L-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Mira Borg saqsiet lill-imputat jekk kienx sar risk assesment rigward ix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru fuq il-pont, u jekk il-project supervisor ta' din is-sit kienx għamel risk assessment ta' dawn ix-xogħlijiet. L-imputat rrisponda fin-negattiv, u qal li ma kienx jaf li kellu jsir risk assessment.

Hija ma waqfitx hemm iżda tgħid li ikkorrispondiet mal-project supervisor Roderick Cassar ta' dan is-sit permezz ta' email li hi ppreżentat u dan ikkonferma li qatt ma' kien irċieva dokumentazzjoni mil-klijent rigward xogħol ta' tikħil fuq suspended platform.

L-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Mira Borg tixhed dwar in-nuqqasijiet li sabet fuq is-sit tax-xogħol in kwistjoni, ċjoe dwar l-irbit tal-ħbula li kienu qed iżommu l-pont li fuqu kien hemm minn tal-anqas ħaddiem wieħed, hekk kif anki jidher mir-ritratti esebiti minnha. Hija filfatt ippreżentat sett ritratti tax-xogħol kif kien qiegħed isir. Hi għalkemm tikkonferma li l-ħaddiem kien liebes harness, l-irbit ma fejn kien imqabbad il-lifeline tal-harness tal-istess ħaddiem, kif ukoll tal-pont kienu marbuta mal-ixkejjer tal-materjal li l-ħaddiema kienu qed jużaw biex jaħdmu, u li dan mhux metodu sod. Tgħid li dan il-lifeline ma kienx marbut ma independent weight, iżda mal-istess piż li kienet marbuta s-suspended pletform.

Id-difiża tilqa għal dan in-nuqqas billi ssostni li taħt l-ixkejjer il-ħabel kien imqabbad mal-clips bil-viti mas-saqaf. L-imputat waqt ix-xhieda tiegħu jikkonferma dan u jżid li ma jagħmilx sens li l-irbit ikun mal-ixkejjer biss. **Jiġifieri huwa jaqbel mal-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Mira Borg li dan ma jkunx sod u li jistgħu jweġġgħu in-nies.**

Biss fuq mistoqsija tal-Qorti, l-imputata muri r-ritratti li ppreżentat Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Mira Borg imbagħad jikkondradiċi ruħu fis-sens li jammetti li mhux erba jew sitt xkejjer biss kien hemm iżda jikkonferma li kien hemm biżżejjed piż

(madwar għoxrin xkora tal 25 kilo kull waħda) biex iżomm il-pont u tnejn min-nies fuqu. Dan isaħħaħ l-argument tal-prosekuzzjoni li fil fatt il-ħbula kienu marbutin mal-ixkejjer biss.

Li trid tara l-Qorti huwa jekk b'dan aġir l-imputat naqasx milli jħares is-saħħa u sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affettwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol.

Din il-Qorti għandha quddiema każ fejn hemm dan id-dubbju jekk verament taħt l-ixkejjer li jidhru ċari fir-ritratt kienx hemm xi tip ta' rbit sod. Kieku għal grazzja tal-argument wieħed kellu jikkonċedi li kien hemm xi tip ta' rbit permezz ta' clips invitati ġos-saqaf, xorta waħda ma hemmx is-serħan tal-moħħ li dak l-irbit huwa sod u skont il-liġi kif se jiġi spjegat hawn taħt.

L-artikolu 6(2) tal-Kapitolu 424 li fuqu hija bbażata din l-akkuża jidentifika dawk il-miżuri ta' prevenzjoni li wieħed għandu jieħu.

> *"(2) Il-miżuri li għandhom jittieħdu minn min iħaddem biex jevita dannu fiżiku u psikoloġiku, korriment jew mewt, fuq il-postijiet tax-xogħol, għandhom jittieħdu fuq il-bażi ta' dawn il-prinċipji ġenerali ta' prevenzjoni li ġejjin, jiġifieri –*
> *(a) li jiġi evitat riskju;*
> *(b) l-identifikazzjoni ta' perikli assoċjati max-xogħol;*
> *(ċ) l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
> *(d) il-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistgħux jiġu evitati;*
> *(e) li jittieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jirriduċu r-riskju kemm ikun raġonevolment prattiku, inkluż li jitbiddel dak li huwa perikoluż b'dak li ma jkunx perikoluż jew li jkun anqas perikoluż;*
> *(f) billi tingħata prijorità lill-miżuri ta' protezzjoni kollettivi fuq miżuri ta' protezzjoni individwali;*
> *(g) li jiġi adattat ix-xogħol għall-ħaddiem, partikolarment għal dak li għandu x'jaqsam mal-iddisinjar ta' postijiet tax-*

*xogħol, l-għażla ta' tagħmir tax-xogħol u l-għażla ta' metodi ta' produzzjoni u ta' xogħol, u partikolarment sabiex jiġi mnaqqas xogħol monotonu u xogħol li jkollu rata ta' xogħol stabbilita minn qabel, u biex jitnaqqas l-effett tagħhom fuq is-saħħa;*
*(ħ) billi wieħed jaddatta ruħu għall-progress tekniku fl-interess tas-saħħa u tas-sigurtà fuq il-post tax-xogħol; u*
*(i) billi tiġi żviluppata policy ta' prevenzjoni globali u loġika li tkopri it-teknoloġija, l-organizzazzjoni ta' xogħol, il-kundizzjonijiet ta' xogħol, ir-relazzjonijiet soċjali u l-influwenza ta' fatturi li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent tal-post tax-xogħol."*

Ta' mportanza partikolari għal dan il-kaz huwa dak li jgħidu l-paragrafi (a) sa (e) u li jitkellmu fuq ir-riskji assoċjati max-xogħol. Jirriżulta mix-xhieda tal-Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Mira Borg, kif ġie stabbilit aktar kmieni, li dawn ir-riskji ma ġewx identifikati, u għaldaqstant ma setgħux jiġu mnaqqsa kif trid il-Liġi.

Ġialadarba ġie stabbilit dan il-punt, ikun inutli li din il-Qorti toqgħod tintilef dwar jekk kienx hemm xi rbit moħbi taħt l-ixkejjer peress li xorta waħda wieħed ikun irid jgħaddi mil-proċess ta' risk analysis, biex jara li dak l-irbit bil-clips huwa idoneu biex jassigura s-saħħa u s-sigurta fuq il-post tax-xogħol, li mil-provi jirriżulta li ma sarx. L-imputat lanqas biss kien jaf li jrid isir, hekk kif stqarr mal- Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Mira Borg. Biss hija ma waqfitx hemm u kompliet tara jekk dan l-eżerċizzju kienx sar mal-project supervisor Roderick Cassar u ppreżentat email li turi li ma l-istess project supervisor ma kienx ġie avżat b'dan il-xogħol u metodu tax-xogħol.

**Il-Qorti għaldaqstant għar-raġunijiet kif imfissra tqis li l-prosekuzzjoni ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi din l-akkuża u se ssib lill-imputat ħati dwarha.**

**It-tieni akkuża:** "*2. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast li tara li x-xogħol fl-għoli jkun ippjanat sew u tieħu miżuri xierqa u suffiċjenti biex tipprevjeni waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali. Nqast li tara li xogħol fil-għoli jitwettaq biss b'tagħmir xieraq jew li jintużaw mezzi kollettivi ta' protezzjoni bħal bennieni, pjattaformi jew xbieki ta' sigurtà. Fejn bennieni huma użati dawn għandhom ikunu solidi, għoljin biżżejjed u jkollhom almenu zokklu, poġġaman prinċipali u poġġaman intermedju jew alternattiva ekwivalenti. Nqast li tara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandu jiġu mwaħħla madwar garigori, turġien, xiftijiet, gallariji, it-truf, fetħiet u f'xi oqsma oħra kollha fejn kull persuna tista' taqa' distanza li tista' tikkawża ħsara personali jew li jaqgħu ġewwa xi likwidu jew materjal li jinvolvu riskji mill-għarqa jew korriment serju. Inqast li tara li lqugħ protettiv, barrieri jew forma oħra ta' protezzjoni għandhom ikunu ta' kostruzzjoni tajba, materjal tajjeb u sod, ta' għoli adegwat, u ta' saħħa adegwata għall-iskop li huma użati u dan ai termini ta' Art. 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 (Skeda IV Sezz. II Parti B) ta' A.L. 88/2018."*

Wieħed ma jridx jinsa li għal dak li għandu x'jaqsam mal-liġi sussidjarja 424.36 l-oneru tal-prova jinkombi fuq id-difiża, kif stabbilit hawn fuq.

Il-prosekuzzjoni kif diġà ngħad, irnexxielha tipprova li kien hemm nuqqasijiet fuq is-sit konsistenti f'nuqqas ta' ppjanar u evalwazzjoni ta' riskji. Jiriżulta ċar mil-provi tal-prosekuzzjoni li l-imputat bħala persuna li tħaddem kienet ħadet xogħol li kienu qed jagħmlu l-ħaddiema tiegħu f'għoli u li da ma kienx ippjanat sew u li ma ttiħdux il-miżuri xierqa u suffiżjenti biex jipprevjenu waqgħat minn distanzi li jistgħu jikkawżaw dannu personali lill-ħaddiema. Għal dak li għandu x'jaqsam ma' din l-akkuża kien jinkombi fuq id-difiża li tipprova illi taħt dawk l-ixkejjer kien hemm l-irbit sod u sigur li qed tallega li kien hemm id-difiża, u li dak l-irbit kien kapaċi jżomm milli persuna taqa' mill-għoli. Id-difiża dan m'għamlitux.

**Il-Qorti għaldaqstant tqis li din it-tieni akkuża tirriżulta u għalhekk se tkun qed issib lill-imputat ħati ta' din l-akkuża.**

**It-tielet akkuża:** *"3. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast li tiżguraw li kull tagħmir protettiv personali jkun iħares id-dispożizzjonijiet speċifikata fi Skeda 2 ta' l-Ordni u tiżgura li fejn hemm il-preżenza ta' aktar minn riskju wieħed teħtieġ li ħaddiem jilbes fl-istess ħin aktar minn oġġett wieħed ta' tagħmir protettiv personali, dak l-apparat ikun kumpatibbli u li jibqa jkun effettiv kontra r-riskju jew riskji involuti. Nqast ukoll li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet ta' użu ta' tagħmir protettiv personali, b'mod partikolari għal kemm ħin għandu jintlibes, skond il-bażi tas-serjetà tar-riskju, il-frekwenza ta' kemm bniedem ikun espost għar-riskju, il-karatteristiċi tal-post tax-xogħol ta' kull ħaddiem u l-operazzjoni tat-tagħmir protettiv personali u tiżgura wkoll li jekk iċ-ċirkostanzi jeħtieġu li tagħmir protettiv personali jintlibes minn aktar minn persuna waħda tieħu l-miżuri kollha xierqa sabiex tiżgura li dan l-użu ma joħloq ebda problema ta' saħħa jew iġene għal utenti differenti. Nqast li tiżgura li dan it-tagħmir jingħata mingħajr ebda ħlas minn min iħaddem u tiżgura li dan it-tagħmir ikun jiffunzjona tajjeb u jkun f'kundizzjoni iġenika tajba permezz tal-manutenzjoni, it-tiswija u t-tibdil ta' biċċiet meħtieġa. Nqast milli tara li qabel ħaddiem juża tagħmir protettiv personali tavżawħ dwar ir-riskji li t-tagħmir ikun qed iħarsu kontrihom. Nqast wkoll li tiżgura li jiġi kkonsultat ir-Rappreżentant tas-Saħħa u s-Sigurtà tal-Ħaddiema u dan ai termini ta' l-artikoli 4, 5, 6, 7, 8, 10(1)(2), 11 u 17 ta' l-A.L. 121/03 (S.L. 424.21)"*

Illi għall-istess raġunijiet kif imfissra hawn fuq fir-rigward tat-tieni akkuża, u tat-tielet akkuża dan fid-dawl ta' dak li jistabbilixxi r-regolament 18 tar-Regolamenti Dwar Rekwiżiti Minimi Għall-Użu Ta' Tagħmir Protettiv Personali Fuq Ix-Xogħol (Leġislazzjoni Sussidjarja 424.21) li jistabbilixxi fuq min jaqa' l-oneru tal-prova ċitat hawn fuq, din **il-Qorti se ssib lill-imputat ħati ta' din l-akkuża.**

**Ir-raba' akkuża:** "*4. Akkużat ukoll talli fl-istess żminijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem inqast milli tobdi ordni ta' uffiċjal, ordni mogħtija bil-miktub li ġġib id-data tat-28 ta' April 2021, biex tissalvagwardja s-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini ta' Att XXVII/2000.*"

Mill-provi jirriżulta ċar li Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Mira Borg kienet ħarġet stop order li hija għaddiet lill-klijent kif titlob il-Liġi. Wara li hija waqqfet ix-xogħlijiet hija ma rċeviet l-ebda informazzjoni dwar remedial works jew risk assessment biex ix-xogħol ikun jista jitkompla. Hija għamlet follow up inspection fil-25 ta' Mejju fejn innotat li ix-xogħol kien tkompla mingħajr ir-revoka tal-awtorita' tal-istop order. Hija ħadet rittratt li jinsab esebit fl-atti tal-proċess li juri li x-xogħol kien tkompla. Il-Qorti tinnota ukoll li fix-xhieda tiegħu l-imputat jammetti li hu kien jaf li ix-xogħol kien twaqqaf Uffiċjal tal-Awtorità għas-Saħħa u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol Mira Borg, u li minkejja dan hu kompla ix-xogħol.

**Għaldaqstant peress li din l-akkuża tirriżulta ippruvata mil-prosekuzzjoni sal grad rikjest mil-liġi penali, l-Qorti se tkun qed issib lill-imputat ħati ta' din l-akkuża.**

## C. Konsiderazzjonijiet dwar il-Piena

Għall-fini tal-piena l-Qorti ikkunsidrat id-daqs tal-proġett in kwistjoni.

## D. Deċide

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikolu 2, 6(1) u 6(2) tal-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll ir-regolamenti 15, u l-paragrafi 5.1, 5.2, 5.3, 5.4, 5.5 tal-Iskeda IV, Taqsima B, Sezzjoni II tal-Liġi Sussidjarja 424.36, tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolamenti 4, 5, 6, 7, 8, 10(1), 10(2), 11 u 17 tal-

Liġi Sussidjarja 424.21 issib l-imputat Almaloul Mustafa, detentur tal-karta ta' l-identità bin-numru 135737A ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u b'assorbiment tal-piena tat-tieni, tat-tielet u tar-raba akkuża fl-ewwel akkuża skont l-artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għal-piena ta' multa ta' sitt elef mitejn u ħamsin Ewro (€6,250) (rappreżentanti elfejn u ħames mitt Ewro (€2,500) għal-ewwel akkuża nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tieni akkuża, nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għat-tielet akkuża, u nofs l-ammont ta' elfejn u ħames mitt ewro (€2,500) għar-raba akkuża)

**Dr Kevan Azzopardi B.A., LL.D**
**Maġistrat**

**Deputat Reġistratur**
**Josanne Gauci**

**< Sentenza Finali >**

**---------------------------------TMIEM---------------------------------**